DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 182628** **05.12.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Tnedija tal-ktieb "Parallel Existences, The Notarial Archives. A Photographer's Inspiration" fil-Parlament ta' Malta***

Illejla, l-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia M.P., appella lill-awtoritajiet konċernati sabiex jinvestu aktar fl-arkivji nazzjonali, inkluż l-Arkivju Nutarili. Dan għandu jsir sabiex jitħares il-wirt u l-patrimonju nazzjonali. Dan l-appell sar waqt it-tnedija tal-ktieb *"Parallel Existences, The Notrial Archives. A Photographer's Inspiration"* ta' Alex Attard fil-Parlament ta' Malta.

L-iSpeaker spjega l-funzjonijiet tal-Arkivju Nutarili, bħala sors ewlenija għar-riċerka legali sabiex ikun determinat it-titlu fuq propjeta' kif ukoll l-eredita'. L-Arkivju Nutarili, li twaqqaf fiż-żmien il-Gran Mastru Lascaris, fl-1640, hu sors importanti għall-istudjużi tal-istorja ta' Malta. Il-kollezzjoni ta' dokumenti u kitbiet fl-Arkivju Nutarili jammontaw għal aktar minn 20,000 volumi u reġistri. L-eqdem att imur lura għall-1465 tan-Nutar Paolo Bonello. F'dan l-arkivju wieħed isib l-eqdem kitba bil-Malti, *Il-Cataliena ta' Pietru Caxaru,* l-esperjenzi miktuba ta' individwi li għexu l-Assedju l-Kbir fl-1565, u atti dwar is-suq tal-iskjavi f'Malta. Dawn id-dokumenti u oħrajn huma parti mill-patrimonju nazzjonali u l-memorja kollettiva tal-poplu u n-nazzjon Malti.

F'dan ir-rigward, għalkemm diġa ttieħdet azzjoni sabiex id-dokumenti tal-Arkivju Nutarili jkunu preservati sabiex jintużaw mill-istudjużi fir-riċerka akkademika, in-numru ta' esperti fil-preservar ta' dokumenti u tal-paleografija, il-qari tal-kaligrafija ta' dokumenti antiki huwa żgħir ħafna għall-ammont ta' xogħol li hemm bżonn isir.

l-iSpeaker appella kemm lill-Gvern, l-Universita' ta' Malta u individwi, inkluż intrapriżi, sabiex iżidu l-investiment bil-għan li jkun hemm inċentivi finanzjarji u boroż ta' studju sabiex il-ħidma biex ikunu preservati sew id-dokumenti fl-Arkivju Nutarili u arkivji oħra f'Malta u Għawdex tiżdied b'ritmu sodisfaċenti. Hu tenna l-importanza tal-ħarsien tal-patrimonju nazzjonali għaliex l-għarfien tal-mod kif kienu jgħixu missirijietna fl-imgħoddi għandu jgħin lilna llum biex insawwru l-ġejjieni ta' pajjiżna, li bħala Stat u poplu, għandna l-obbligu li nħabirku għas-sliem u biex il-bnedmin jgħixu b'dinjita'.

**Attachments: ritratti**



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**